TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 143/14/F

**George Cassar**

**vs**

**Longino Farrugia**

Illum 5 ta' Mejju, 2015

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fl-24 ta' Ġunju, 2014 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' tliet mija u ħamsin ewro (€350), rappreżentanti l-prezz ta' tiswija ta' vjolin li wara li ntuża diversi drabi reġa' nkiser.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba, u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa l-istess intimat, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien ħa l-vjolin għat-tiswija wara li kien hemm diversi ħsarat fih u minkejja li saret it-tiswija, wara ftit xhur dan reġa' nkiser mill-istess post. Minkejja li t-tieni darba l-intimat sewwieh b'xejn, reġa' bl-istess problema wara ftit ġimgħat, u t-tielet darba kemm ir-rikorrenti u kif ukoll l-intimat ma ridux illi jerġa' jissewwa.

L-intimat issottometta li għamel xogħlu skond is-sengħa u l-arti, illi l-vjolin kellu ħafna ħsara u ra kif għamel biex jipprova jżarmah u kważi jibnih mill-ġdid u kien tah polish sew għaliex kien jidher li kellu ħafna daqqiet. Illi wara li ġabu l-ewwel darba u sewwieh, reġa' ġabu miksur wara ftit ġimgħat, u reġa' sewwieh mingħajr ma talab ħlas.

L-intimat issottometta illi l-mod ta' kif ir-rikorrenti jkun qed juża l-vjolin iġiegħlu jagħmel il-ħsara u l-vjolin għandu jkun immaniġjat b'mod kawt.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet, jinnota li l-intimat għamel minn kollox sabiex isewwi dan il-vjolin, u jidher li dan il-vjolin huwa delikat u ma tantx jista' jingħata trattament ħażin.

It-Tribunal, jinnota wkoll illi l-intimat għamel il-polish fuq il-vjolin u ġabu qisu ġdid, u sewwieh għal darba darbtejn, u li t-tieni darba ma żammx flus, u li t-tort mhuwiex tal-intimat.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, u bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**